MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 696/2005

Dr. Antoine Camilleri bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza taz-zewg socjetajiet esteri adidas International Marketing B.V. u adidas-Salomon AG
vs
Dr. Leslie Cuschieri u l-P.L. Victor Bugeja li b' digriet tat-18 ta' Awissu gew nominati bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lil Al Bisaran.Co

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attur nomine li biha ppremetta:

Peress illi l-ewwel socjeta` attrici adidas International Marketing B.V., ta' Koningin Wilhelminaplein 30, 1062 KR Amsterdam, tal-Olanda kienet proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju distintiv maghruf bhala "three stripes device" liema markju kien uzat fuq diversi prodotti bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u

prodotti ohra, u dan skond kif kien jidher fuq id-Dokument “A”;

Peress illi dina l-ewwel socjeta` attrici kienet detentrici tad-dritt ta’ proprjeta` industrijali tal-istess markju distintiv “three stripes device” fil-komplessita` tieghu irregistrat fir-Registru tal-Markji f’Malta taht Trademark No. 29740 (kif muri f’Dok. “A”), kif ukoll minhabba l-fatt illi din l-ewwel socjeta` attrici kellha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku “three stripes device” u dan kollu ai termini tal-Artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Peress illi t-tieni socjeta` attrici Adidas-Salomon AG, ta’ Adi-Dassler-Str. 1-2, 91074 Herzogenaurach, tal-Germanja kienet proprjetarja ta’ diversi markji, fosthom il-markji distintivi maghrufa bhala “three stripes device on clothing”, “trefoil device”, u “adidas” liema markji kienu uzati mis-socjeta` attrici fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif kien jidher fuq id-Dokumenti “B”, “C”, “D” u “E”;

Peress illi din it-tieni socjeta` attrici kienet detentrici tad-dritt ta’ proprjeta` industrijali tal-istess markji distintivi “three stripes device on clothing”, “trefoil device”, u “adidas” fil-komplessita` taghhom registrati fir-Registru tal-Markji f’Malta taht Trademark No. 10994 (kif muri f’Dok. “13”), Trademark No. 30173 (kif muri f’Dok. “C”), Trademark No. 13562 (kif muri f’Dok. “D”), u Trademark No. 29878 (kif muri f’Dok. “E”), kif ukoll minhabba l-fatt li din it-tieni socjeta` attrici kellha d-drittijiet tal-awtur fuq dawn l-imsemmija disinji jew xogholijiet artistici “three stripes device on clothing”, “trefoil device”, u “adidas” u dan kollu ai termini tal-Artikolu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Peress illi rrizulta li fil-5 ta’ Lulju 2005 kienet iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur “MSC LOUISA”, u/jew kienet giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa

zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta’ zraben sportivi, hwejjeg sportivi u basktijiet sportivi li kienu jgibu fuqhom il-markju “three stripes device” u l-markju “adidas” fuq imsemmija liema konsenja kienet tikkonsisti f’hames mija u tlettax (513) – il-par zraben sportivi, mitejn u sebgha u sebghin (277) bicca hwejjeg sportivi u erbgha u tletin (34) basktijiet sportivi, b’Container Numru TOLU3235171 u li ma kienux genwini, u dan bi ksur tal-projbizzjoni tal-Artiklu 4 tal-Kap 414;

Peress illi mill-Polza ta’ Kargu Numru MSCUXN851618 kien irrizulta li l-konsenjatarji taz-zraben sportivi, hwejjeg sportivi u basktijiet sportivi in kwistjoni kienu indikati bhala Al Bisaran.Co, mentri kien irrizulta li d-dettalji tax-Shipper kienu Beijing Ziwei Star Commercial & Trading Co. Ltd.;

Peress li d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-propjeta` intellettwali kien projibit skond l-Artiklu 4 ta’ l-istess Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Peress li din il-konsejna in kwistjoni kienet tikkontravvjeni d-drittijiet ta’ proprjeta` intellettwali taz-zewg socjetajiet attrici skond l-Artiklu 2(1)(a)(i), (ii) u (iii) tal-Kap 414, li favur taghhom kienu registrati l-markji distintivi maghrufa bhala “three stripes device”, “three stripes device on clothing”, “trefoil device”, u “adidas” kif kien spjegat aktar ‘il fuq, u kienet tikkontravvjeni wkoll id-drittijiet tal-awtur illi z-zewg socjetajiet attrici kellhom fuq l-imsemmija markji distintivi rispettivi taghhom li huma wkoll xogholijiet artistici protetti bil-Kap 415 tal-Ligijiet ta’ Malta — Att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur, u dan skond l-Artikolu 2(1)(b) tal-KAP. 414, u dan kollu kif kien ben spjegat mill-analizi li ghamlet rapprezentanta tal-ewwel socjeta` attrici adidas International Marketing B.V. f’isem iz-zewg socjetajiet attrici (rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. “F”);

Peress li din il-konsenja ta’ zraben sportivi, hwejjeg sportivi u basktijiet sportivi kienet tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-Kap 414

wara l-applikazzjoni bil-miktub li kienu ghamlu z-zewg socjetajiet attrici lill-istess Kontrollur wara li kienu gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar il-kaz (kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. "G");

L-attur nomine talab lill-Qorti:

1. Fil-konfront taz-zewg socjetajiet attrici, tiddikjara u tiddeciedi li z-zraben sportivi, hwejjeg sportivi u basktijiet sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu s-socjetajiet attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifkati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap 414);

2. Fil-konfront tal-ewwel socjeta` attrici, jigifieri adidas International Marketing B.V., tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' zraben sportivi, hwejjeg sportivi u basktijiet sportivi li kienet tikkonsisti f'hames mija u tlettax (513)-il par zraben sportivi, mitejn u sebgha u sebghin (277) bicca hwejjeg sportivi u erbgha u tletin (34) basktijiet sportivi da parti tal-konvenuti nomine u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali ta' din is-socjeta` attrici in kwantu li ma humhiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-Kap 414, u dan fil-konfront tat-Trademark registrat f'isem is-socjeta` attrici bin-Numru 29740 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur li s-socjeta` attrici ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "three stripes device";

3. Fil-konfront tat-tieni socjeta` attrici, jigifieri adidas-Salomon AG, tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' zraben sportivi, hwejjeg sportivi u basktijiet sportivi li

tikkonsisti f'hames mija u tlettax (513) – il-par zraben sportivi, mitejn u sebgha u sebghin (277) bicca hwejjeg sportivi u erbgha u tletin (34) basktijiet sportivi da parti tal-konvenuti nomine u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali ta' dina s-socjeta` attrici in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-Kap 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f'isem is-socjeta` attrici bin-Numri 10994, 30173, 13562 u 29878 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` attrici ghandha fuq ix-xogholijiet artistici taghha "three stripes device on clothing", "trefoil device", u "adidas";

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjetajiet attrici a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu z-zraben sportivi, il-hwejjeg sportivi u l-basktijiet sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-konvenuti nomine, skond l-Artikolu 8 tal-Kap 414;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) - Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront tas-socjetajiet attrici;

6. Tordna lill-konvenuti nomine sabiex ihallsu l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi, hwejjeg sportivi u basktijiet sportivi in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-Ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti nomine li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur nomine.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew:

1. Illi b’digriet tat-18 ta’ Awissu 2005, huma kienu gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Al Bisaran Co.
2. Illi huma ma kellhomx mezz kif jikkomunikaw ma’ rapprezentanti tal-kumpanija minnhom rapprezentata u ghalhekk ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz odjern.
3. Illi ghalhekk huma kienu rriservaw li jeccepixxu ulterjorment.

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta’ Dr. Antoine Camilleri li fih ikkonferma d-dikjarazzjoni li giet prezentata mac-citazzjoni. Kompla jghid li mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni la hu u anqas is-socjetajiet atturi li jirrapprezenta ma rcevew aktar informazzjoni fuq il-kaz odjern jew fuq l-assenti socjeta` konvenuta.

Gie prezentat affidavit ta’ George Scerri Fizzjal tad-Dwana fis-Sezzjoni tal-Infurzar bi specjalizzazzjoni f’Att VIII tas-sena 2000, Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-***container*** TOLU3235171 bil-polza tat-tghabija MSCUXN851618 kien tghabba gewwa l-port ta’ Xiangang fic-Cina u wasal fil-Port Hieles ta’ Malta fuq il-vapur MSC Louisa fil-5 ta’ Lulju, 2005. Il-***container*** kien intbaghat mill-kumpanija Ziwei Star Commercial & Trading Co Ltd u l-konsenjatarju kellha tkun Al Bisaran.Co. Kien dikjarat li l-***container*** kien jikkonsisti f’184 pakki ta’ zraben, hwejjeg u tv. Fis-7 ta’ Lulju 2005 il-***container*** intghazel biex jigi ezamint bl-***X-Ray*** u wara jinfetah biex isir ezami fiziku tal-konvenut. Meta l-***container*** infetah instab li fir-ringiela ta’ quddiem kien hemm zraben tal-marka Adidas u Timberland u li dawn iz-zraben setghu kienu foloz. Ix-xhud kien informa lil Dr. Antoine Camilleri dwar dan u anke ghaddielu xi kampjuni. Imbaghad kien gie deciz li l-***container*** jigi

trasferit gewwa Newport biex jinhatt u jigi ezaminat ahjar. Fil-21 ta' Lulju, 2005 il-***container*** gie trasferit u l-kontenut tieghu inhatt gewwa l-mahzen numru 2. Il-merkanzija kienet tikkonsisti f'ammonti ta' zraben, hwejjeg u basktijiet ta' diversi ditti famuzi u fost dawn kien hemm 513 par zarbun, 277 track suit u 34 basket tal-marka Adidas. Fit-18 ta' Lulju, 2005 kien gie nfurmat minn Dr. Antoine Camilleri li skond korrispondenza li rcieva minghand il-kumpanija Adidas il-kampjuni kienu foloz u kienu ser jinbdew proceduri legali.

Min-naha taghhom il-Kuraturi Deputati ma jistghux imieru lill-kumpanija attrici ghaliex ma jafu xejn fuq il-fatti u anqas irnexxielhom jikkomunikaw mas-socjeta` rapprezentata minnhom. Ma jirrizultax li rcevew xi kumment jew direttiva li tista' tghinnhom fid-difiza. Zgur li xejn minn dak li sostna l-attur nomine ma gie kontradett.

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Irrizulta li Dr. Antoine Camilleri huwa rapprezentant tas-socjetajiet adidas International Marketing B.V. u adidas-Salomon AG ghal dak li jirrigwarda l-markji u l-protezzjoni tal-markji taghhom gewwa Malta. Irrizulta li fil-5 ta' Lulju, 2005 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MSC Louisa konsenja ta' zraben sportivi, hwejjeg sportivi u basktijiet sportivi tal-markji "three stripes device" u "adidas" fuq ***container*** TOLU3235171. Dt. Camilleri f'isem is-socjeta` attrici kien talab li jinghata kampjuni biex dawn jintbaghatu barra minn Malta biex jigu ezaminati sabiex jigi stabbilit kienux genwini jew foloz. Instab li l-oggetti kienu foloz u saret talba biex il-konsenja tigi mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana u dawn inzammu fi Newport il-Marsa. Dawn il-fatti gew konfermati minn George Scerri Fizzjal tad-Dwana fis-Sezzjoni tal-Infurzar li semma li fil-21 ta' Lulju, 2005 il-***container*** gie miftuh biex jigi ccekkjat. Ikkonferma li ttiehdu xi kampjuni biex jigu analizzati. Provi mill-konvenuti nomine kuraturi deputati ma sarux. Fid-dokument esebit a fol 116 u 117 tal-process hemm id-dikjarazzjoni ta' Roline Bergsma, Lawyer, Intellectual Property Department adidas International Marketing B.V., li fiha jinghad "As requested, after examining the sample, I can confirm that the products in question are definitely

and that they were not produced by, or with the authorisation of adidas, or any of their affiliates or licensees for, among others, the following reasons…" u hemmhekk jinghataw ir-ragunijiet.

It-talba attrici ma hi b'ebda mod kontradetta.

L-azzjoni attrici hi bazata fuq dak li tipprovdi l-Ligi fl-Att tal-1997 dwar id-Drittijiet ta' Proprjeta` intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kap 414).

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Il-fatti msemmija fic-citazzjoni u dikjarazzjoni jirrizultaw pruvati.

Illi in vista tad-dikjarazzjoni maghmula minn Roline Bergsma u tal-Ufficjal tad-Dwana George Scerri u ta' Dr. Antoine Camilleri, il-Qorti, fil-konfront taz-zewg socjetajiet attrici, tiddikjara u tiddeciedi li z-zraben sportivi, hwejjeg sportivi u basktijiet sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu s-socjetajiet attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifkati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap 414).

Fil-konfront tal-ewwel socjeta` attrici, jigifieri adidas International Marketing B.V., tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' zraben sportivi, hwejjeg sportivi u basktijiet sportivi li kienet tikkonsisti f'hames mija u tlettax (513)-il par zraben sportivi, mitejn u sebgha u sebghin (277) bicca hwejjeg sportivi u erbgha u tletin (34) basktijiet sportivi da parti tal-konvenuti nomine u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali ta' din is-socjeta` attrici in kwantu li ma humhiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-Kap 414, u dan fil-konfront tat-Trademark registrat f'isem is-socjeta` attrici bin-Numru 29740 fir-Registru tal-

Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur li s-socjeta` attrici ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "three stripes device".

Fil-konfront tat-tieni socjeta` attrici, jigifieri adidas-Salomon AG, tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' zraben sportivi, hwejjeg sportivi u basktijiet sportivi li tikkonsisti f'hames mija u tlettax (513) – il-par zraben sportivi, mitejn u sebgha u sebghin (277) bicca hwejjeg sportivi u erbgha u tletin (34) basktijiet sportivi da parti tal-konvenuti nomine u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali ta' dina s-socjeta` attrici in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-Kap 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f'isem is-socjeta` attrici bin-Numri 10994, 30173, 13562 u 29878 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` attrici ghandha fuq ix-xogholijiet artistici taghha "three stripes device on clothing", "trefoil device", u "adidas".

Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjetajiet attrici a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu z-zraben sportivi, il-hwejjeg sportivi u l-basktijiet sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-konvenuti nomine skond l-Artikolu 8 tal-Kap 414.

Dwar il-hames talba fejn intalab "Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) - Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront tas-socjetajiet attrici", fil-fatt l-attur nomine ma ghamel ebda talba specifika ghal dan ir-rigward u l-Qorti ma thossx opportun li timponi ebda rimedju iehor.

Tordna lill-konvenuti nomine sabiex ihallsu l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi, hwejjeg sportivi u basktijiet sportivi in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-Ufficjali tad-Dwana skond it-Termini tal-Kap 414.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine, b'dan li provvizorjament id-drittijiet tal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------